ĦARĠA NUMRU 12 - XITWA

NEWSPAPER POST

# NISĠET ARTNA

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT TAL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



# Għeżież qarrejja,

Nistgħu ngħidu li għaddiet sena oħra u ninsabu fl-istaġun tax-xitwa fejn f'dan l-istaġun niċċelebraw waħda mill-akbar festi għalina l-Maltin u l-Għawdxin, il-festa tal-Milied. Nispera li kellkom Milied hieni u li sibtu l-ħin biex taqtgħu ftit mir-rutina ta' kuljum u tgawdu aktar ħin mal-familji u l-ħbieb.

Nistgħu ngħidu li għalaqna erba' snin nidħlu fid-djar tagħkom inwasslulkom artikli ta' informazzjoni ferm utli speċjalment dwar is-settur tagħna kif ukoll artikli oħra ta' interess fuq il-kultura u l-lingwa tagħna u xi riċetta tajba u bnina ma tonqosx! Dan kollu seta' jsir bl-għajnuna tagħkom il-qarreja, bir-rispons li dejjem tagħtuna, kif ukoll permezz tal-kontributuri li kull sena qegħdin isibu l-ħin biex iwasslulna din l-informazzjoni. F'isem it-Taqsima Festi Rurali minn qalbi nirringrazzjakom tal-impenn u l-kuraġġ li dejjem tagħtuna biex nibqgħu għaddejjin. Grazzi

Tislijiet
Ramona Borg

**NISĠET ARTNA**

Pubblikazzjoni maħruġa mis-Segretarjat tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

**Taqsima Festi Rurali**
Ċentru ta' Riċerka u Żvilupp
L-Għammieri, Triq l-Ingiered
Il-Marsa MRS 3303



*Ritratt meħud minn Joseph Mercieca*

**Kordinatriċi**
Leanne Bajada

**Editur**
Ramona Borg

**Kontributuri**
Arnold Sciberras
Mario Micallef
Marilyn Theuma
Jeffrey Sciberras
Isabelle Camilleri
Karmen Tedesco
Sharlo Camilleri
Ann Maree Vella
Franklin Buhagiar
David Bartolo
Malcolm Borg
Malcolm Vassallo
Charles Zahra

**Qari tal-provi**
Braden Saffrett

# Werrej

03 Ħidma Kontinwa

04 L-Ewwel Sitt Xhur ta' Ħidma

06 Għarfien dwar il-Ħarsien tal-Pjanti

08 Razez Domestiċi Maltin: In-Naħla Maltija

10 *Wines of Distinction*

11 Kaċċa u Nsib

12 Il-hydroponics Sistemi ta' tkabbir Alternattiv

13 Ħlewwiet tat-tin mingħajr zokkor

14 Il-Kappelli fil-Kampanja Maltija

15 Il-Biċċerija Pubblika

16 Il-Biedja Organika

18 L-Iskema tal-Pagament Bażiku

19 Proġetti Implimentati taħt il-Programm Operattiv

21 Purifikazzjoni tal-Varjetajiet ta' Basal ta' Malta

22 Tista' tagħżel Kors biex tipprepara biex jipprepara għall Karriera fl Immaniġġjar tal-Ħut

# Ħidma Kontinwa



**Onor. Clint Camilleri**
Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

Bdejna sena ġdida, dan ifisser ukoll li għaddew l-ewwel seba' xhur ta' ħidma tiegħi bħala Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali. Dan huwa ż-żmien ideali sabiex filwaqt li nħarsu 'l quddiem għal aktar impenn, nagħtu ħarsa wkoll lejn il-ħidma li saret f'dawn l-aħħar xhur. Fl-oqsma taħt ir-responsabbiltà tiegħi jiena kburi li diġà sar ħafna xogħol li affettwa b'mod pożittiv lill-bdiewa, lis-sajjieda kif ukoll lill-annimali.

Bla dubju d-dekasteri li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħi, mill-qasam agrikolu u dak tas-sajd, sad-drittijiet tal-annimali, huma kollha setturi impenjattivi li jeħtieġu attenzjoni partikolari sabiex jitkabbar il-potenzjal tagħhom. Dan filwaqt li rridu nkunu preparati sabiex nilqgħu għall-isfidi li nistgħu niltaqgħu magħhom.

Ħadt ħsieb li s-settur Agrikolu tingħatalu l-attenzjoni u l-importanza li tixraqlu. Waħda mill-miżuri importanti li ħadna u ser inkomplu nieħdu anka permezz ta' ħidma konġunta mal-Ministeru tal-Enerġija u l-Ilma, hija li naraw kif se nkomplu noffru ilma tajjeb għat-tisqija lill-bdiewa tagħna. F'dawn l-aħħar snin, il-Gvern permezz ta' fondi mill-Ewropa kif ukoll lokali ddeċieda illi jinvesti mat-€22 miljun sabiex jintuża dak l-ilma li kien qed jiġi mormi l-baħar wara li jiġi trattat fl-impjanti tad-drenaġġ. Ilma ta' kwalità eċċellenti, li qiegħed jiġi provdut għall-użu tal-biedja fejn diġà qed iservi numru konsiderevoll ta' bdiewa mill-Mellieħa sa Binġemma. Huwa maħsub illi fi ftit xhur oħra, ikollna aktar faċilitajiet ġewwa Għawdex kif ukoll fin-naħa t'isfel ta' Malta. Tkellimna mal-produttri tal-inbid f'Malta sabiex nifhmu aħjar il-bżonnijiet tagħhom u għaldaqstant pjanajna sabiex inkomplu ninvestu fil-kampanja ta' promozzjoni tal-inbid *Wines of Distinction* li nedejna f'Ottubru li għadda. Dan bil-għan li tqajjem kuxjenza u interess dwar il-karattru distintiv ta' nbejjed ta' kwalità prodotti f'Malta skont il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi kif irregolata mill-Unjoni Ewropea. F'Diċembru ħabbart miżura importanti ta' €6.6 miljun għas-settur agrikolu li se jgawdu minnhom il-kunsilli lokali u l-bdiewa sabiex jitranġaw it-toroq rurali u tintlaqa' d-domanda kbira biex jiġu restawrati l-ħitan tas-sejjieħ.

Is-settur tas-sajd hu qasam mimli sfidi u rregolat b'bosta liġijiet stretti. Żammejna l-wegħda tal-manifest elettorali u din is-sena ma daħħalniex kwoti tal-pixxispad. Kont kommess li nibqa' qrib kull sajjied sabiex niffaċilita l-ħidma tagħhom, inqgħaqadt mas-sajjieda fit-tberik tad-dgħajjes qabel il-ftuħ tal-istaġun tal-lampuki, attendejt għal attività oħra suċċess ta' Festa Ħut f'Marsaxlokk u qegħdin naħdmu sabiex insostnu l-industrija tas-sajd permezz ta' titjib fl-infrastruttura tant meħtieġa madwar Malta u Għawdex.

Għall-qasam tal-ħarsien tal-annimali, ħsibna sabiex noħolqu inizjattiva ġdida li primarjament tinkludi servizzi veterinarji b'xejn lill-Għaqdiet mhux Governattivi. Din effettivament tfisser inqas piż u nfiq għall-NGOs sabiex ikomplu jħarsu l-annimali li jiġru barra li għandna f'pajjiżna. Barra minn hekk żidna l-allokazzjoni għall-Animal After Care Clinic sabiex inżidu l-effiċjenza u nsaħħu d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali biex ikomplu jieħdu ħsieb l-annimali li jiġu salvati mit-toroq f'Malta.

Ħadna ħsieb li nżidu l-allokazzjoni tal-fond tal-Animal Welfare li fost l-oħrajn se jgawdu minnu Għaqdiet mhux Governattivi li jkunu konformi mal-Kummissarju tal-Għaqdiet Volontarji, u f'Diċembru qassamna 50% ta' dawn il-fondi lill-NGOs. Huwa importanti u ninsab fiduċjuż illi r-relazzjoni u l-koperazzjoni bejn l-Animal Welfare u l-għaqdiet għall-ħarsien tal-annimali tkompli tissaħħaħ, għaliex permezz ta' ħidma konġunta jkompli jsir aktar ġid u nwasslu aktar għarfien kontra l-moħqrija tal-annimali.

Dawn huma ftit mill-inizjattivi li ħadna bħala Segretarjat f'dawn l-aħħar seba' xhur, u meta nħarsu lura filwaqt li ninnutaw il-kisbiet u l-miri li diġà lħaqna, nindunaw ukoll li l-ħidma trid tissokta sabiex nimxu 'l quddiem u niksbu iżjed riżultati u suċċessi.

Jien ninsab lest għal aktar ħidma sabiex tul is-snin li għandna quddiemna ssir qabża ta' kwalità f'kull settur u nħeġġeġ aktar investiment f'dawn l-oqsma. Fl-aħħar nett nagħlaq billi nawguralkom is-Sena t-Tajba mimlija b'dak kollu li tixtieq qalbkom.

*Awguri*

# L-Ewwel Sitt Xhur ta' Ħidma



Photo: DOI - Pierre Sammut

**Ġunju**

Is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali nieda l-attività annwali "L-Imnarja: Festa ta' Tradizzjonijiet fil-Ġonna tal-Buskett".



**Lulju**

L-Onor. Clint Camilleri waqt waħda miż-żjarat li għamel lil diversi bdiewa u produtturi fejn tkellem magħhom dwar id-diffikultajiet li jaffaċċjaw fil-ħidma tagħhom, iżda fuq kollox setgħu jaqsmu miegħu l-aspirazzjonijiet għall-ħidma tagħhom.



**Awwissu**

Qabel fetaħ l-istaġun tal-lampuki, is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri ngħaqad mas-sajjieda għat-tberik tad-dgħajjes. Attenda wkoll għal Festa Ħut f'Marsaxlokk li għal darb'oħra kienet suċċess.



**Settembru**

Iż-żjara tal-Onor. Clint Camilleri fl-impjant taċ-Ċumnija l-Mellieħa. Wieħed mir-riżorsi ewlenin sabiex il-bidwi jkun jista' jipprovdi fis-suq, prodott ta' kwalità tajba, huwa bla dubju ta' xejn l-ilma. L-ewwel 2,500 metru kubu fis-sena ta' ilma trattat se jkunu qed jingħataw b'xejn lill-bdiewa għall-użu fl-agrikoltura.




Photo - MESDC - Joseph Mercieca

## Ottubru

Qabel il-mixja bil-klieb li saret bħala waħda mill-attivitajiet li ttellgħu fl-Għammieri fil-jum iddedikat għall-annimali. L-Onor. Clint Camilleri jinsab impenjat sabiex ikompli jżid il-ħidma favur aktar ħarsien tal-annimali u jiddaħħlu aktar miżuri u inizjattivi kontra l-moħqrija ta' dawn il-ħlejqiet.



Photo - MESDC - Joseph Mercieca

## Novembru

Waqt żjara li għamel fil-pixkerija tal-Marsa, l-Onor Clint Camilleri tkellem mas-sajjieda li fost l-oħrajn semmew l-impatt pożittiv li ħalliet it-twettiq tal-wegħda elettorali tal-Gvern, dik li ma jkunx hemm kwoti individwali tal-pixxispad.



Photo: DOI - Pierre Sammut

## Diċembru

Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri nieda l-Villaġġ Tal-Milied u fetaħ ukoll il-wirja tal-presepji fl-Għammieri. Il-fondi li nġabru minn din l-attività marru għall-karità. F'attività oħra l-Onor. Camilleri qassam iċ-ċekkijiet tal-Animal Welfare Fund lill-Għaqdiet Mhux Governattivi li jieħdu ħsieb il-kura tal-annimali. Ħabbar ukoll miżura importanti ta' €6.6 miljun li se jgawwdu minnhom il-kunsilli lokali u l-bdiewa sabiex jitranġaw it-toroq rurali u tintlaqa' d-domanda kbira biex jiġu restawrati l-ħitan tas-sejjieħ.

# Għarfien dwar il-Ħarsien tal-Pjanti

**Sharlo Camilleri**
Direttur għall-Ħarsien tal-Pjanti

Waqt il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, l-uffiċjali ewlenin tas-Saħħa tal-Pjanti mit-28 Membru Stat tal-UE qablu fuq strateġija ta' għarfien ta' kuxjenza dwar is-Saħħa tal-Pjanti fl-UE. L-istrateġija tikkonsisti f'ħames azzjonijiet ta' prijorità li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea, maħsubin biex jgħinu lill-awtoritajiet nazzjonali jwettqu kampanji ta' informazzjoni u jwasslu informazzjoni xierqa lil dawk kollha involuti fil-prevenzjoni u l-kontroll tal-pesti tal-pjanti. Il-ħtieġa ta' dan is-suġġett inħasset minħabba li l-Unjoni Ewropea affaċċjat diversi kriżijiet u emerġenzi kawża ta' tifqigħat u sejbiet ta' mard u insetti tal-pjanti. Dawn l-organiżmi ta' ħsara kellhom impatt devastanti li wera biċ-ċar il-ħtieġa għall-miżuri biex jipprevjenu l-okkorrenza tagħhom, jew inkella biex jillimitaw it-tixrid u l-impatt tagħhom. Malta ħasset li l-għarfien tal-kuxjenza huwa mezz effettiv biex jiffaċilita l-infurzar, miżuri effettivi ta' kontroll u intervent rapidu għall-eradikazzjoni u l-kontroll tal-pesti tal-pjanti. Proprju għalhekk intgħażel dan is-suġġett bħala prijorità tal-Presidenza Maltija tal UE fil qasam tas-saħħa tal-pjanti.

L-istrateġija l-ġdida hija strutturata madwar ħames azzjonijiet ta' prijorità li jinkludu: żvilupp ta' strateġiji ta' għarfien, ħolqien ta' grupp ta' ħidma tal-Kummissjoni; ħolqien ta' għodod u materjal ta' għarfien; impenn ma' partijiet interessati u taħriġ ta' komunikaturi; kif ukoll monitoraġġ u evalwazzjoni. Dawn l-azzjonijiet ġew imfassla fuq il-bażi ta' kwestjonarju li sar fost l-awtoritijet responsabbli mis-saħħa tal-pjanti fl-Istati Membri u diskussjonjiet waqt il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill tal-UE magħmul minn uffiċjali ewlenin fis-settur fitosanitarju. It-tweġibiet għall-kwestjonarju ġew ippreżentati waqt il-workshop "Għarfien ta' Kuxjenza bħala Għodda Essenzjali waqt Kontinġenza" ġewwa Għawdex f'Mejju ta' din is-sena. Il-Kummissjoni bdiet twettaq din l-istrateġija billi preżentat it-termini ta' referenza għall-grupp ta' ħidma li mistenni jiltaqa' għall-ewwel darba bejn Novembru u Diċembru ta' din is-sena.




Malta tant temmen fl-importanza ta' għarfien fis-saħħa tal-pjanti, li għal dawn l-aħħar sentejn kienet għaddejja b'kampanja ta' informazzjoni intensiva u għarfien dwar ir-riskju tad-dħul tal-pesti *Xylella fastidiosa* li għamlet ħerba fis-siġar taż-żebbuġ fl-Italja. Il-kampanja, li hi kofinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt l-istrument finanzjarju tar-Regolament (UE) 652/2014, u qed tiġi mwettqa mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti, fi ħdan id-Diviżjoni għar-Regolazzjoni Veterinarja u Fitosanitarja, Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, qed tiġi mwassla permezz tal-karattru "Xylellu", fejn qed jgħaddi l-messaġġ lill-pubbliku ġenerali biex joqgħod lura milli jġib lura d-dar wara li jivvjaġġa kwalunkwe pjanta li faċilment tista' tkun infettata mingħajr l-ebda sintomi viżibbli.

Sabiex tintlaħaq l-akbar udjenza possibbli intużaw diversi mezzi pubbliċitarji, u nħolqu żewġ video clips qosra li ntwerew fuq stazzjonijiet u programmi tat-TV lokali, fuq skrins taċ-ċinema lokali, fuq Facebook, kif ukoll abbord il-katamaran li jittrasporta l-passiġġieri bejn Malta u Sqallija. Barra minn hekk, peress li l-kampanja hija mmirata speċifikament lejn il-vjaġġaturi, sar reklamar fis swali tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Huwa stmat li fl-ewwel tmien xhur ta' din is-sena, il-kampanja laħqet

total ta' aktar minn 4 miljun passiġġier li għaddew mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta b'total bla preċedent ta' 693,537 passiġġier li għaddew mill-ajruport matul ix-xahar ta' Awwissu. Ġew stampati fuljetti informattivi li flimkien ma' bookmarks u stikers ikkuluriti ġew iċċirkolati fl-iskejjel primarji lokali, fil-ħwienet tal-kotba u fil-fieri. Bħala parti mill-attivitajiet li għaddejjin biex tiżdied il-kuxjenza pubblika u l-għarfien dwar dan il-batterju fatali, il-kampanja ġiet estiża fit-toroq ta' Malta u Għawdex permezz ta' reklamar fuq karozzi tal-linja lokali.

Agħti sehmek int ukoll sabiex nibżgħu għall-pjanti u l-prodotti agrikoli lokali tagħna u nżommu l-mard 'il bogħod minn xtutna billi meta ssiefer ma ġġibx lura miegħek xitel ta' pjanti.





# Razez Domestiċi Maltin: In-Naħla Maltija

**Arnold Sciberras**
riċerkatur fil-bijodiversità

Meta jinqara dan l-artiklu, ħafna ser jistaqsu lilhom infushom għalfejn in-naħla Maltija hija razza domestika Maltija. Dan mhux insett Malti salvaġġ? Irrid noqgħod attent fl-ispjegazzjoni tiegħi ta' kif dan l-annimal jagħmel parti mill-annimali u x-xtieli kollha li kklassifikajna s'issa fis-serje tagħna bħala razez domestiċi Maltin. In-naħla Maltija tagħmel parti mir-renju tal-insetti u taqa' fl-ordni msejħa ***Hymenoptera***, li tinkludi n-naħal, id-Dubbien Serrieq, iż-żnażan u n-nemel. Naħal tal-għasel (***Apis***) hawn madwar 12-il speċi magħrufa mad-dinja, flimkien mal-44 sottospeċi tagħhom. Seba' speċi minn dawn għadhom jeżistu, filwaqt li l-oħrajn huma estinti. In-naħla li tinstab lokalment ***(Apis melifera)*** għandha madwar 30 sottospeċi u dawn jinstabu mxerrdin fl-Ewropa, fil-Lvant Nofsani, fl-Afrika, u fl-Asja. Fl-1997, is-sottospeċi ***Ruttneri*** ġiet deskritta ġdida għax-xjenza minn Sheppard, Arias, Grech u Meixner**.** Studju li sar fl-2014 minn Sammut wera li n-naħla tagħna għandha l-oriġini tagħha fl-Afrika ta' Fuq. Din is-sottospeċi, li nistgħu nsejħulha n-Naħla Maltija, hija endemika għal pajjiżna, jiġifieri fid-dinja kollha tinstab iżolata fil-gżejjer Maltin.

S'hawnhekk għadna qegħdin nitkellmu fuq sottospeċi salvaġġa Maltija li evolviet b'mod naturali f'iżolament matul eluf ta' snin mingħajr l-intervent tal-bniedem. X'aktarx li madwar 8,000 sena ilu l-bniedem beda jiġbor l-għasel mis-salvaġġ, kif jixhdu xi tpinġijiet f'numru ta' għerien fi Franza u Spanja. Barra minn hekk, madwar 7,000 sena ilu l-bniedem beda jipprova jikkontrolla popolazzjonijiet slavaġ għall-benefiċċju tiegħu. Nistgħu ngħidu li n-naħla hija waħda mill-ftit insetti li ġew iddomestikati, apparti xi ħanfus, friefet u baħrijiet (bħad-dudu tal-ħarir). Id-domestikazzjoni tan-naħal hija differenti minn dik ta' razez domestiċi oħrajn bħall-fniek u t-tiġieġ, għax dawn mhumiex miżmumin fil-magħluq, imma f'sistema ta' free range għax iħalluhom jirgħu. Id-domestikazzjoni ta' dan l-insett bdiet meta l-irġejjen bdew jiġu magħżula mill-popolazzjonijiet skont il-karatteristiċi li jogħġbu lin-naħal filwaqt li jitwarrbu dawk li ma kellhomx temperament tajjeb, jew li ma kinux jipprovdu l-kwantità mixtieqa tal-prodott. Hawnhekk daħlet is-selezzjoni artifiċjali, u bħalma ġara barra minn xtutna, il-karattru tal-frieħ imrobbija sar differenti minn dak tan-naħal salvaġġ. Dan ma jfissirx li n-naħla mhijiex kapaċi terġa' tissalvaġġja. Biex wieħed tassew jara d-differenza, idealment iqabbel in-naħal qabel ma ġie ddomestikat man-naħal tal-lum, għax fil-verità, in-naħal salvaġġ lokali tal-lum xi darba kellu xi antenati minn tiegħu li ġew iddomestikati.

Kien hemm perjodu f'pajjiżna meta s-sottospeċi Maltija saret razza domestika sa ċertu punt, iżda min-naħal Malti pur biss. Diversi naħħala li intervistajt ma jaqblux li n-naħla nbidlet f'dan il-perjodu. Però, għal diversi raġunijiet, naħal ta' sottospeċi oħra ddaħħlu minn barra fi żminijiet differenti, speċjalment fl-1992, biex jikkumpensaw għat-telfa li kien hemm fin-naħal minħabba l-marda tal-varroa. Dan in-naħal tħallat bil-cross breeding mar-razza Maltija u filwaqt li ġenetikament jista' jkun li ddaħħlu karatteristiċi tajbin, fl-istess ħin



id-demm ma baqax pur. Huwa magħruf ukoll li maż-żmien, wara diversi ġenerazzjonijiet, in-naħal ibridu jsir aggressiv. Dan ikompli jbiegħed il-popolazzjoni domestika li għandna bħalissa minn dik salvaġġa li oriġinarjament kienet teżisti lokalment, qabel l-interventi tal-bniedem. Studju li sar fl-2017 minn Zammit Mangion u l-kollegi tagħna fuq xehdiet ta' naħal magħżula li jixbhu lin-naħla Maltija u li fihom in-naħħala ma jużawx razez barranin, juri li fadal demm Malti sew u li b'miżuri konservattivi (back breeding) nistgħu nerġgħu nressqu xi ftit mill-popolazzjoni lokali lejn ir-razza oriġinali Maltija.




Bħala dehra, in-naħla lokali tixbah is-sottospeċi ***Sicula*** u ***Intermissa*** imma saqajha huma iqsar u l-ġewnaħ idjaq. Il-warrani wiesa' aktar u l-pil itwal. Il-kulur huwa sewdieni. Dan ma jfissirx li dawk ta' lewn oranġjo, li morfoloġikament jixbhu razez barrarin minħabba t-taħlit, ma jġorrux ġenetika Maltija ġo fihom. Huma nodfa ħafna u jieħdu ħsieb ix-xehda sew mill-predaturi. Ħafna drabi jiġu ppreferuti razez barranin minn dawk lokali għax ir-razza Maltija għandha tendenza tkun aktar aggressiva u tferra' ta' spiss, u għalhekk taħrab iktar.

In-naħla Maltija qiegħda tinqered għal diversi raġunijiet u bħalissa nistgħu nirrikonoxxu li qiegħda fi stat ta' periklu ta' estinzjoni. Minbarra l-mard differenti li n-naħal huwa suxxettibbli għalih, hemm perikli oħra bħalma huma n-nuqqas ta' art fejn jirgħa, il-pestiċidi, in-nixfa kontinwa (speċjalment fl-aħħar snin), id-diversi predaturi, il-kompetizzjoni ma' razez introdotti jew speċi aljeni, u t-taħlit ġenetiku. Iż-żunżan bagħal (***Vespa orientalis)*** qered kwantità kbira mill-popolazzjonijiet lokali f'dawn l-aħħar tliet snin.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qegħdin nindunaw kemm hi importanti n-naħla Maltija u bħalissa għaddejjin diversi proġetti minn entitajiet differenti għall-preservazzjoni ta' din l-ispeċi minn aspett ġenetiku u aspetti oħra. Il-kontroll taż-żunżan bagħal, li l-awtur qed jaħdem fuqu fuq livell nazzjonali, jista' jgħin ukoll fil-konservazzjoni ta' din ir-razza.

In-naħla Maltija kienet dejjem ta' importanza għall-gżejjer Maltin tant li anke l-isem ta' pajjiżna,

**Ħajr lill-botaniku Jeffrey Sciberras, lin-naħħala Raymond Sciberras u Arnold Grech tal-kummenti tagħhom. Għal aktar informazzjoni nħeġġukom iżżuru l-paġna https://www.facebook.com/Columbatopia/**



# *Wines of Distinction*

Il-kampanja *Wines of Distinction,* li tnediet f'Ottubru u qed titmexxa mis-Segretarjat Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, se tkun qed tiffoka fuq xi jfisser is-siġill DOK Malta, DOK Gozo u IGT Maltese Islands. Studju riċenti li sar mid-Direttorat tal-Agrikoltura jindika li filwaqt li ċ-ċertifikazzjoni DOK u IGT ilha f'pajjiżna għaxar snin, u minkejja li jidher li l-perċezzjoni dwar inbid lokali ta' kwalità ħadet xejra pożittiva, huwa ċar li għad fadal il-bżonn li jkun hemm aktar għarfien dwar l-inbejjed u l-kwalità tagħhom.

Wara li saru diskussjonijiet mal-produttri tal-inbid f'Malta sabiex jinftiehmu aħjar il-bżonnijiet tagħhom, sar pjan sabiex ikompli jsir investiment fil-kampanja ta' promozzjoni tal-inbid, bil-għan li tqajjem kuxjenza u interess dwar il-karattru distintiv ta' nbejjed ta' kwalità prodotti f'Malta skont il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi kif irregolata mill-Unjoni Ewropea.

Is-Segretarju Parlamentari stqarr li saret ħidma biex din il-kampanja tingħata identità, xogħol li sar flimkien mal-produtturi tal-inbejjed DOK Malta, DOK Għawdex u IGT Gżejjer Maltin, u jinsab ċert illi din il-kampanja ser tkun suċċess fl-għan taghha illi tinforma lill-konsumatur Malti fuq xi tfisser it-tikketta DOK u IGT fuq il-flixkun tal-inbid.

Din il-kampanja tinkludi promozzjoni vasta, fost l-oħrajn, reklamar fuq billboards, reklamar fuq il-mezzi tax-xandir, il-midja soċjali u l-magazines. Ser issir ukoll *wine appreciation event* fejn in-nies ikunu jistgħu jduqu l-inbejjed DOK Malta, DOK Għawdex u IGT Gżejjer Maltin.

L-isem ta' din il-kampanja, *Wines of Distinction,* juri tassew xi jfissru dawn l-indikazzjonijiet ġeografiċi. Huwa peress li huma nbejjed distinti li nistgħu niċċertifikaw dawn l-inbejjed bħala DOK. Waqt it-tnedija l-Onor. Clint Camilleri qal li jinsab kburi li Malta u Għawdex nipproduċu inbejjed ta' kwalità għolja u distinta li ġew rikonoxxutti mill-Unjoni Ewropea u protetti bl-istess mod li huma protetti inbejjed tal-ogħla kalibru fl-Ewropa kollha. Il-proċess biex tintlaħaq din il-kwalità jinvolvi ħafna xogħol u dedikazzjoni kemm mill-bdiewa u mill-għassara kif ukoll mid-Direttorat. Il-bidwi jrid isegwi l-produzzjoni tal-għeneb tul is-sena kollha u jassigura li l-għeneb jilħaq kwalità għolja sakemm jinqata', filwaqt li l-għassara jridu jassiguraw illi dan l-għeneb jiġi maħdum ġo nbid distint. L-uffiċjali tad-Direttorat għandhom ir-responsabbiltà li jsegwu u jiċċertifikaw dan il-proċess.

L-iskop aħħari hu li kemm il-popolazzjoni lokali, kif ukoll ir-residenti barranin li jgħixu f'Malta, jagħrfu d-dedikazzjoni u x-xogħol kollu li jsir biex inbid ta' kwalità bħal DOK Malta, DOK Gozo u IGT Maltese Islands jasal fuq il-mejda tal-konsumatur.



# Kaċċa u Nsib



### Fetaħ l-istaġun tal-insib fil-ħarifa

F'Ottubru, is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri ħabbar li wara li ġew ikkunsidrati r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis ta' Malta, kif ukoll il-parametri legali, tekniċi u xjentifiċi applikabbli, il-Gvern ippubblika l-Avviż Legali 294/2017 – Conservation of Wild Birds (Declaration on a Derogation for an Autumn 2017 Live-capturing Season for Finches) Regulations u l-Avviż Legali 295/2017 – Conservation of Wild Birds (Declaration on a Derogation for an Autumn 2017 Live-capturing Season for Song Thrush and Golden Plover) Regulations.

Għalhekk, skont dawn l-avviżi legali u leġiżlazzjoni oħra applikabbli fis-seħħ, l-istaġun tal-insib fil-ħarifa għal seba' speċi ta' għasafar tal-għana kif ukoll għall-pluviera u l-malvizz infetaħ bejn l-20 ta' Ottubru u l-31 ta' Diċembru 2017, iż-żewġ dati inklużi. Matul dan il-perjodu, nassaba biss liċenzjati b'liċenzja speċjali tal-insib fil-ħarifa maħruġa mill-Wild Birds Regulation Unit, skont dawn id-derogazzjonijiet, jitħallew jipprattikaw l-attività tal-insib fiż-żoni rreġistrati u suġġetti għall-kundizzjonijiet u l-parametri stretti stipulati fil-liċenzji speċjali rispettivi tagħhom.

Il-limitu ġenerali nazzjonali għall-għasafar tal-għana baqa' l-istess bħas-sena l-oħra, jiġifieri ta' 12,000 għall-ġojjin, 800 għall-gardell, 4,500 għall-verdun, 2,350 għall-ekru, 500 għal taż-żebbuġ, 5,000 għall-isponsun, u 2,350 għall-apparell bħala t-total ta' numru ta' għasafar li jistgħu jinqabdu taħt l-awtorità tal-liċenzji kollha maħruġa. In-nassaba liċenzjati individwalment għandhom limitu staġjonali ta' 10 għasafar tal-għana. Il-limitu nazzjonali għall-pluviera ġie stabbilit għal 700, filwaqt li l-limitu nazzjonali għall-malvizz huwa ta' 5,000. Skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis, il-limitu individwali għall-istaġun għall-pluviera u l-malvizz mhux se japplika fl-istaġun ta' din is-sena.

In-nassaba huma legalment marbuta li jirrappurtaw minnufih il-qabdiet tagħhom permezz ta' sistema tat-telefown fuq in-numru stipulat fil-liċenzja speċjali tagħhom.

### Tħabbru bidliet fil-ħinijiet tal-kaċċa u tal-insib fil-park tal-Majjistral

Is-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali ħabbar bidliet fil-ħinijiet tal-kaċċa u l-insib permessi fil-konfini tal-park tal-Majjistral. Taħt regolamenti ġodda ppubblikati fis-27 ta' Ottubru 2017, il-kaċċa fil-park kienet permessa minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx san-nofsiegħa ta' waranofsinhar (12.30pm) matul ix-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru, u matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa (kull meta tiġi applikata id-deroga tal-kaċċa fir-rebbiegħa). Dan jeskludi l-ġurnata tal-Erbgħa li matulha l-kaċċa fil-park se tkun permessa sal-għaxra ta' filgħodu (10.00am). F'Diċembru u f'Jannar, il-kaċċa hija permessa sal-għaxra ta' filgħodu (10.00am). Fil-festi pubbliċi, il-kaċċa hija limitata sal-għaxra ta' filgħodu (10.00am) kemm fil-perjodu tal-kaċċa minn Settembru sa Jannar kif ukoll waqt kwalunkwe staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa. L-insib huwa permess minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sas-sagħtejn u nofs ta' waranofsinhar (2.30pm) matul il-ftuħ tal-istaġun meta d-deroga/i tal-insib ikunu applikat.

# Il-hydroponics
## Sistemi ta' tkabbir Alternattiv

**Charles Zahra**
lecturer fl-MCAST fuq
sistemi ta' tkabbir alternattiv

Fi ftit kliem, il-kelma hydroponics tfisser it-tkabbir ta' wċuħ bl-użu ta' ħamrija sintetika flimkien ma' ilma u nutrijenti. Il-kelma hydroponics ġejja minn żewġ kelmiet Griegi, ponos li tfisser xogħol u hydro li tfisser ilma. B'hekk il-Griegi bil-kelma hydroponics riedu jfissru tip ta' biedja li tinvolvi xogħol fl-ilma.

### Storja

L-ewwel sistemi ta' hydroponics huwa mifhum li ġew mibnija f'Babilonja; fl-hekk imsejħa "the hanging gardens of Babylon" kif ukoll fiċ-Ċina fejn ġew mibnija floating gardens eluf ta' snin ilu. Iktar tard il-poplu tal-Aztek bena strutturi bil-qasab biex fuqhom kabbar il-ħxejjex fuq ix-xmajjar tiegħu.

### It-Teknoloġija u l-Hydroponics

Mad-daqqa t'għajn il-kunċett ta' hydroponics jidher li huwa wieħed kumpless u jħaddem livelli għoljin ta' teknoloġija, iżda s-sabiħ ta' dawn l-installazzjonijiet hu li wieħed jista' jaddatta dan il-kunċett għal sistemi sempliċi kif ukoll għal sistemi iktar avvanzati. L-użu tat-teknoloġija moderna fil-hydroponics jgħin biex jiġi provdut ambjent iktar adekwat għall-wiċċ.

L-ikbar vantaġġ tal-hydroponics huwa l-konservazzjoni tal-ilma, kif ukoll il-faċilità. L-għeruq ikunu f'ambjent iktar arjuż u



Impressjoni artistika ta' kif l-Aztecs kienu jkabbru l-hxejjex taghhom fuq ix xmajjar.



Instalazzjoni ta' Akwaponics



Sistema ta hydroponics b Teknologija avanzata

b'hekk tkun aktar faċli għall-għeruq li jassorbu l-ossiġnu li huwa tant essenzjali biex l-għeruq ikunu jistgħu jassorbu n-nutrijenti li għandha bżonn il-pjanta. F'sistemi ta' hydroponics iktar avvanzati li jippermettu ir-riċiklaġġ tal-ilma, il-vantaġġ tal-konservazzjoni tal-ilma huwa ferm ikbar.

Il-hydroponics tippermetti wkoll kontroll akbar mill-bidwi fuq il-klima li fiha qed ikabbar il-ħxejjex tiegħu. Dan hu vantagg kbir meta wieħed iqis li l-kontroll fuq il-klima jiġi rifless f'użu inqas ta' pestiċidi, jew saħansitra f'sistemi avvanzati għall-eliminazzjoni ta' pestiċidi artifiċjali.

### Hydroponics u l-Biedja Organika

Wieħed mill-ikbar żvantaġġi tal-hydroponics huwa proprju li huwa metodu ta' tkabbir artifiċjali. Dan ifisser li dawn is-sistemi mhumiex awtorizzati f'sistema ta' biedja organika hekk kif definita mill-Unjoni Ewropea. Huwa biss fl-Istati Uniti li l-hydroponics mehmuża mal akwakultura, f'sistema hekk imsejħa aquaponics, hija awtorizzata fil-biedja organika. Fl-aquaponics jiġi mkabbar ħut biswit il-ħxejjex biex b'hekk il-ħmieġ tal-ħut idemmel l-uċuħ. L-Unjoni Ewropea għamlitha ċara li minħabba li l-hydroponics fil-prinċipju hija sistema artifiċjali, li fiha t-tagħmir ta' flora u fawna indiġena mhux vantaġġjata, din is-sistema ma għandhiex titqies għalkollox bħala waħda organika. Dan ma jfissirx però li sistemi inovattivi bħal dawn ma jistgħux jipprovdu ikel sikur fil-kontinent Ewropew u lil hinn minnu.

# Ħlewwiet tat-tin mingħajr zokkor

Insajru Ma' Karmen Tedesco 5

## Riċetta

Ingredjenti:

- 500gr tin imqadded
- 2 mgħaref u nofs inbid abjad
- 2 mgħaref kbar lewż
- 2 mgħaref ġewż imfarrak
- 3 qastniet kull persuna
- 3 mgħaref għasel ta' Malta
- 3 mgħaref meraq tal-larinġ

Metodu:

1. Ħu t-tin u itfa' f'food processor. Żid l-inbid u ħaddem. Żid ukoll il-ġewż, il-lewż u t-tin.
2. Poġġi t-taħlita fuq karta tal-forn u għamel romblu. Ħallih imkebeb fil-karta tal-forn. Qatta' r-romblu u poġġih fuq platt.
3. F'kazzola poġġi l-għasel u l-meraq tal-larinġ flimkien mal-qastan u qegħedhom fuq in-nar. Servi mar-romblu mqattgħin jew tondi.



L-ikla t-tajba

# Il-Kappelli fil-Kampanja Maltija

David Bartolo

F'din il-ħarġa din id-darba ħa nżuru kappella oħra fil-pajsaġġ tal-kampanja Maltija, Dik tal-Lunzjata fil-wied imsemmi għall-istess titular f'Għawdex.

Il-kappella tal-Lunzjata tinsab f'wied fertili ħafna bejn il-Belt Victoria u Kerċem fuq ix-xaqliba tax-Xlendi. Dan il-wied fl-imgħoddi kienu jsibuh bħala s-Saqqajja u wara beda jissejjaħ bħala tal-Lunzjata. Id-devozzjoni lejn il-Lunzjata f'Għawdex tmur lura fl-imgħoddi sew fejn kien hemm ħames kappelli ddedikati lejn dan it-titlu, li waħda minnhom kienet f'dan il-wied. Din kienet kappella troglodita li tfisser kappella ġo għar u l-kappella li hemm illum saret flok din.



Il-kappella oriġinali kienet tmur lura sa nofs is-seklu 14 u kienet saret b'titlu ta' guspatronat irjali b'fondazzjoni mħollija minn Donna Sibella d'Aragona. Meta fl-1530 Malta għaddiet taħt il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann, din l-kappella għaddiet f'idejhom u kien fil-bidu tas-seklu 17 li l-kappella nbniet mill-ġdid għal dik li hemm illum. Snin sew wara fil-bidu tas-seklu 18, kienet inbniet kamra mal-istess kappella u fuqha sar kampnar. Il-kwadru titulari li kien sar fis-seklu 17 huwa xogħol il-kavallier pittur Fr Luca Garnier, filwaqt li l-altar qabel kien fil-knisja ta' Savina fil-Belt Victoria. L-istatwa titulari kienet saret minn Wistin Camilleri Cauchi(1885-1979) f'nofs is-seklu 20.





Fl-inħawi tal-istess kappella, fid-daħla ta' dan il-wied, hemm binja tad-dħul għall-istess post. Iktar fil-fond tal-wied, fiż-żmien il-maġisteru tal-Gran Mastru Spanjol Ramon Perellos y Roccaful (1697-1720), kienet inbniet arkata b'għajn tal-ilma li kienet ġiet irrestawrata fl-2007 minn Din l-Art Ħelwa flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Kerċem, u fl-1698 il-benefikat tal-kappella, Dun Erkole Martino Testaferrata, bena l-loġġa li hemm fl-istess post.

# Il-Biċċerija Pubblika

**Isabelle Camilleri**
Economics Officer Biċċerija



Dan l-aħħar is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Clint Camilleri, flimkien mas-Segretarju Permanenti s-Sur Joseph Caruana mill-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, żaru l-Biċċerija Pubblika fejn fl-aħħar snin saru diversi xogħlijiet sew fuq il-bini kif ukoll tibdil ta' makkinarju modern biex ikompli jassigura l-iġjene u l-kwalità tal-prodott. Kif tħabbar fid-diskors tal-baġit għall-2018, il-Gvern ħabbar allokazzjoni finanzjarja li tlaħħaq it-€2.3 miljun għat-tkomplija ta' dan il-proġett fil-Biċċerija Pubblika fejn se jsiru diversi xogħlijiet oħra fil-bini kif ukoll jitkompla t-tibdil ta' makkinarju modern. Din hija viżjoni tal-Gvern li l-Biċċerija Pubblika tkun ta' eżempju ta' iġjene u prattiċi mill-aqwa li jassiguraw livell għoli biex tissaħħaħ l-industrija tal-laħam lokali.





Fil-Biċċerija bħalissa għaddej xogħol ta' installazzjoni tal-elettriku, sterilizers ġodda u ta' titjib tas-sistema tal-arja kompressata. Qed isir ukoll xogħol fuq il-linja tal-majjali fejn grupp ta' ħaddiema barranin flimkien ma' ħaddiema lokali qegħdin jinstallaw linja ġdida (motorised monorail). Dan ix-xogħol jieħu fit-tul minħabba li qed isir minn kollox sabiex kemm jista' jkun ma ntellfux il-proċess tal-qatla. Barra minn hekk, l-istess ħaddiema diġà installaw, apparat ieħor ġdid li jinkludi sistema ta' ħames lifts u platforms ġodda fuq il-linja taċ-ċanga.



# Il-Biedja Organika

**Franklin Buhagiar**
Assistent Direttur Agriculture & Rural Payments

Iktar ma jmur iktar qed niltaqgħu ma' terminoloġija li b'xi mod tirreferi għall-Biedja Organika bħal pereżempju organiku, bijoloġiku, ekoloġiku, u oħrajn. Imma ġustament jitqajmu ċerti mistoqsijiet bħal:

- Dan it-titlu fil-verità x'jirrappreżenta?
- Xi nkun qed nixtri meta nagħżel prodotti organiċi?
- Min jiddeċiedi u b'liema awtorità jekk prodott partikolari ġiex imkabbar bi prinċipji organiċi?
- Kif jgħid il-Malti "Min għandu ħalqu jgħid li jrid," jien bħala konsumatur kif ser inkun naf li l-prodotti li qed nixtri huma verament organiċi?

Għaldaqstant hawnhekk ser inkunu qed nispjegaw ftit, bit-tama li nindirizzaw dawn il-mistoqsijiet importanti.

### X'nifhmu biha l-Biedja Organika?

L-iktar definizzjoni wiesgħa li taħtha tiġi kklassifikata l-biedja organika hija dik ta' marka ta' kwalità, u bħal kull marka ta' kwalità hija intenzjonata sabiex tagħti valur miżjud lill-prodotti partikolari.
Din il-marka ta' kwalità, hija marka Ewropea li toffri garanzija lilek bħala konsumatur illi dawk il-prodotti agrikoli li qed tixtri ġew imkabbra u pproċessati skont sett ta' regoli stretti stipulati fir-Regolament Ewropew 834/2007.

Mingħajr ma noqogħdu nidħlu f'ħafna teknikalitajiet legali, fil-verità fiex tikkonsisti din is-sistema ta' biedja organika? L-iktar prinċipju fundamentali huwa li din it-tip ta' biedja tagħmel ċert illi timminimizza l-impatt fuq in-nies u l-ambjent ta' madwarha billi taddotta sistemi u proċeduri li jaħdmu id f'id mal-ambjent li wieħed ikun qed jaħdem fih. Il-bdiewa jridu jistabbilixxu relazzjoni mal-ambjent ta' madwarhom fejn jifhmu x'inhuma dawk iċ-ċikli naturali li hemm stabbiliti fuq dik l-art u jaraw kif ser jintegraw l-attività agrikola tagħhom sabiex jikkumplimentaw dawn iċ-ċikli naturali.

Fi ftit kliem il-biedja organika hija sistema li tinkoraġġixxi qligħ ġust għall-produtturi talli joffru prodotti ta' kwalità u ġenwini lill-konsumatur filwaqt li jirrispettaw l-ambjent ta' madwarhom, għall-ġid tal-produtturi nfushom, in-nies li qed jikkunsmaw dawk il-prodotti u għall-ambjent, u għalhekk isservi ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha.
Dan isir billi jiġu rispettati sett ta' prinċipji bażiċi fosthom:

- Jiġu applikati sistemi u użati prodotti naturali li jagħmlu ħafna inqas ħsara lill-ambjent, lill-bijodiversità u lis saħħa tal bniedem;
- L-użu ta' prodotti, anki dawk naturali, li jistgħu jintużaw, huwa mnaqqas għall-minimu u jistgħu jintużaw biss meta vera hemm bżonnhom, dak li bil-lingwa Ingliża nsejħulu *low input farming;*
- Użu ta' sistemi li jippromwovu użu iktar effiċjenti ta' riżorsi naturali, bħal pereżempju r-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' (newba) u użu ta' demel naturali;
- Jintużaw varjetajiet ta' pjanti u speċi ta' annimali li huma iktar adattati għall-post fejn ikunu se jitkabbru;
- Projbizzjoni assoluta ta' użu ta' Organiżmi Ġenetikament Modifikati (GMOs)
- Id-drittijiet tal-annimali huwa prinċipju fundamentali ieħor, l-annimali jrid ikollhom aċċess kontinwu fejn jirgħu u jieklu għalf li hu organiku;
- L-annimali jridu jikbru f'ambjent li jirrispetta l-ħtiġijiet naturali ta' dak l-annimal partikolari, eżempju t-tiġieġ irid ikollhom passiġġieri fejn jistrieħu, u l-majjali jrid ikollhom aċċess sabiex joqogħdu jħaffru fil-ħamrija u jeżerċitaw ruħhom.

Dawn huma ftit mill-prinċipji u l-obbligi li ġejjin mil-liġi tal-biedja organika, iżda tajjeb tkunu tafu li l-biedja organika ma tiqafx mal-produzzjoni iżda tirregola l-katina kollha, mill-bidwi sal-ħanut minn fejn tixtri dawn il-prodotti.

Skont din listess liġi, kull min jipproduċi, jipproċessa, ibigħ, jaħżen jew jimporta prodotti organiċi, irid ikun iċċertifikat u jifforma parti minn sistema

ta' kontroll. Dan sabiex meta l-konsumatur jagħżel dawn il-prodotti jkollu moħħu mistrieħ li kull pass involut fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' dawn il-prodotti jirrispetta regoli stretti favur l-ambjent u l-annimali.

Is-Sistema ta' kontroll u l-irwol tad-Direttorat tal-Agrikoltura Iktar 'il fuq semmejna s-sistema ta' kontroll u ċertifikazzjoni. F'din il-parti ser inkunu qed nispjegaw kif din is-sistema tiffunzjona f'Malta.

Id-Direttorat tal-Agrikoltura huwa l-awtorità kompetenti responsabbli mill-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll għall-biedja organika f'Malta. Għalhekk għandu r-responsabbiltà li jħaddem Sistema ta' Kontroll li biha jiġi assigurat li dawk il-prodotti għall-bejgħ immarkati bħala organiċi huma tassew organiċi u li ġew prodotti u mwassla fuq is-suq minn operaturi ċertifikati u allura parti minn din is-sistema ta' kontroll.

### L-irwol tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA)

Kif tistgħu tifhmu parti importanti ħafna minn din is-sistema ta' kontroll hija proprju ċ-ċertifikazzjoni u l-kontroll tal-operaturi nfushom. Fil-preżent din il-funzjoni ġiet f'data lill-MCCAA. Allura sabiex operatur jidħol f'din is-sistema ta' kontroll irid l-ewwel jesprimi l-intenzjoni tiegħu għattali għan mad-Direttorat għat-tali Agrikoltura fejn jiġi ggwidat




dwar kif jista' jibda l-proċess ta' ċertifikazzjoni mal-MCCAA. Proċess li jinkludi kemm ivverifikar amministrattiv, kif ukoll spezzjonijiet tal-azjenda u testijiet ta' kampjuni ġo laboratorji akkreditati fuq bażi regolari kif stipulat fil-liġijiet li jirregolaw dan is-settur.

### Informazzjoni importanti għall-konsumatur

Meta tixtri mingħand produtturi jew kummerċjanti lokali, tista' sempliċiment tidħol fis-sit tal-MCCAA (**http://www.mccaa.org.mt/en/organicfarming)** sabiex tara min huma dawk l-operaturi ċċertifikati. Inkluż fil-lista hemm ukoll kif tista' tagħmel kuntatt ma' dawn l-operaturi.

Meta tkun qed tixtri tajjeb tkun taf li fuq it-tikketta ta' prodott ppakkjati lesti wieħed jista' jiċċekkja l-marki obbligatorji li jrid ikun hemm fuq prodott organiku kif spjegat hawn taħt: Biex nikkonkludu, tajjeb wieħed jibda japprezza l-impenn li hemm biex titħaddem din is-sistema ta' kontroll u x'livell ta' impenn jidħlu għalih l-operaturi li jagħżlu li jidħlu għal din iċ-Ċertifikazzjoni u Sistema ta' Kontroll.

Għalhekk huwa importanti ħafna li bħala konsumatur, jekk ser tagħżel li tixtri prodotti li qed jinbiegħu taħt il-premessa ta' "organiċi," dan tagħmlu biss mingħand operaturi li huma ċċertifikati. Dan għal żewġ raġunijiet fundamentali:

- Sabiex int bħala konsumatur taċċerta ruħek li l-prodotti li qed tixtri huma verament organiċi;
- Sabiex tgħin u tipproteġi operaturi ġenwini fi ħdan dan is-settur li jagħżlu din it-tip ta' biedja alternattiva, li kif tistgħu tifhmu tinvolvi impenn sfiq kemm f'dak li hu x-xogħol tal-produzzjoni nnifsu, kif ukoll impenn li jitlob livell għoli ta' kontroll u monitoraġġ tal-operat tagħhom għax ikunu jagħmlu parti minn din is-sistema ta' kontroll.

**F'każ ta' dubju jew diffikultà dwar dan is-suġġett wieħed jista' jagħmel kuntatt mad-Direttorat tal-Agrikoltura fuq 2292 4339.**

# L-Iskema tal-Pagament Bażiku

**Malcolm Vassallo**
Senior Manager Agriculture & Rural Payments - EU Internal & External communication

F'dan l-artiklu se nagħtu ħarsa dettaljata lejn l-iskema tal-Pagament Bażiku, li hija waħda mid-diversi skemi li qed jitħaddmu f'Malta taħt il-kappa tal-Pagamenti Diretti 2014-2020. L-iskema tal-Pagament Bażiku f'Malta hija simili ħafna għall-iskema preċedenti tal-Pagament Uniku. Fl-2015 Malta allokat intitolamenti ġodda skont l-art eliġibbli li qed jaħdmu l-bdiewa Maltin u Għawdxin, u li huma rreġistrati mal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Iżvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima (MESDC).

## Art Eliġibbli

Sabiex l-art tkun ikkunsidrata eliġibbli għall fini tal-għajnuna mogħtija taħt din l-iskema, trid tkun art li qiegħda tintuża għal skopijiet agrikoli - dan ifisser kull art minn raba' li qed jinħarat, jew uċuħ tar-raba' permanenti li jinkludu dwieli jew siġar tal-frott. Ir-raba' eliġibbli għandu jintuża sabiex jitkabbru uċuħ agrikoli li jirriżultaw fil-ħsad tal-prodott. F'każijiet ta' raba' mhux fi produzzjoni, ir-raba' għandu jinżamm nadif u jinħarat bejn l-1 ta' April u l-31 ta' Mejju ta' kull sena. Dan l-obbligu huwa impost mir-Regolamenti applikabbli tal-Kummissjoni Ewropea sabiex tiżdied il-kontabbiltà u jiġi ġġustifikat l-għoti tal-għajnuna lil dawk il-bdiewa li verament iwettqu attivitajiet agrikoli u li għaldaqstant huma meqjusa bħala bdiewa attivi.

Huwa importanti ħafna li wieħed ikun jaf li bdiewa li m'għandhomx intitolamenti ma jistgħux japplikaw għall-iskemi tal-Pagamenti Diretti, b'eċċezzjoni tal-iskema tal-Appoġġ Akkoppjat Volontarju (VCS). Għalhekk dawk il-bdiewa li jixtiequ jirċievu intitolament għandhom jagħmlu talba uffiċjali billi jikkuntattjaw l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA).

## Implimentazzjoni

Taħt l-iskema tal-Pagament Bażiku jingħata intitolament wieħed li jrid jiġi attivat kull sena mill-bdiewa abbażi tar-raba' eliġibbli li għandhom irreġistrati. Il-possibbiltà ta' trasferimenti, bejgħ, kiri, jew wirt tal-intitolamenti li kienet toffri l-iskema tal-Pagament Uniku, hija possibbli wkoll taħt il-Pagament Bażiku. Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li intitolamenti li ma jiġux attivati għal sentejn wara xulxin, jintilfu mill-bdiewa u jirritornaw lura fir-riżerva Nazzjonali bil-possibbiltà li jiġu allokati lil ħaddieħor. Barra minn hekk, taħt din l-iskema huma eliġibbli biss dawk il-bdiewa li għandhom mill-anqas 0.3 ettari ta' raba' eliġibbli.

## Aktar Informazzjoni

Jekk tixtieq aktar informazzjoni dwar din l-iskema jew dwar xi skema oħra li taqa' taħt il-Pagamenti Diretti inħeġġuk tikkuntattjana permezz ta' email fuq arpa.mesdc@gov.mt jew billi ċċempel il-Front Office tal-Aġenzija fuq 2292 6148.

### Punti Importanti

- Sabiex tkun eliġibbli l-art trid tkun qed tintuża għal skopijiet agrikoli
- Bdiewa jrid ikollhom minimu ta' 0.3 ettari ta' raba' biex jieħdu l-Pagament Bażiku
- Ir-raba' jrid jinżamm nadif u jinħarat bejn l-1 ta' April u l-31 ta' Mejju kull sena
- Bdiewa li m'għandhomx intitolamenti ma jistgħux japplikaw għall-għajnuna taħt l-iskemi tal-Pagamenti Diretti
- L-intitolament li jingħata taħt l-iskema tal-Pagament Bażiku għandu jiġi attivat kull sena mill-bidwi - intitolamenti li ma jiġux attivati jintilfu

# Proġetti Implimentati taħt il-Programm Operattiv

## *Fond Ewropew tas-Sajd 2007-2013*

**Ann Maree Vella**
EU Funds Manager

### Titlu tal-Proġett:
### EFF311 - Tisbiħ tal-Port fl-Imġarr, Għawdex.

**Implimentazzjoni tal-Proġett:**
5 ta' Settembru 2012 - 30 ta' Novembru 2015.
Żburżar **tal-Proġett (Total tal-kontribuzzjoni pubblika):**
€70,580.90 (VAT mhux inkluża) b'rata ta' kofinanzjament ta' 75% Fondi mill-Unjoni Ewropea u 25% Fondi Nazzjonali.

### Skop tal-Proġett:

Il-proġett ġie implimentat fuq il-linji gwida ta' Prijorità **3** tal-Programm Operattiv *Fond Ewropew tas-Sajd 2007-2013* u l-mira tiegħu kienet li tiġi żviluppata l-infrastruttura tas-sajd neċessarja ġewwa l-Imġarr - l-ikbar port awtorizzat fejn jinħatt il-ħut f'Għawdex. Il-proġett għen biex isir titjib fil-kundizzjoni ta' kif jinħattu, jiġu pproċessati, maħżuna u mibjugħa prodotti ta' akkwakultura u sajd. L-implimentazzjoni tal-proġett kellha impatt pożittiv fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-uffiċjali tal-kontroll tas-sajd u sar titjib fuq il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ. Permezz ta' dan il-proġett, is-sajjied issa għandu biżżejjed spazju biex ikun jista' jħott il-qabda b'mod ordnat u aktar sikur u jnaqqas l-ammont ta' ħin li jieħu sabiex il-qabda tiġi maħżuna fit-temperatura meħtieġa.



Tisbiħ tal-Port fl-Imġarr, Għawdex

### Titlu tal-Proġett:
### EFF312 - Il-Bini ta' Pixkerija u l-Infrastruttura għat-Tqegħid fis-Suq u Impjant tal-Ipproċessar.

**Implimentazzjoni tal-Proġett:**
21 ta' Novembru 2012 - 30 ta' Novembru 2016.
Żburżar **tal-Proġett (Total tal-kontribuzzjoni pubblika):**
€2,851,396.88 (VAT mhux inkluża) b'rata ta' kofinanzjament ta' 75% Fondi mill-Unjoni Ewropea u 25% Fondi Nazzjonali.



Il-binja l-ġdida tal-pixkerija min-naħa ta' ġewwa



Il-binja l-ġdida tal-pixkerija min-naħa ta' barra.

### Skop tal-Proġett:

L-iskop tal-proġett kien li ssir rilokazzjoni tal-attività tal-bejgħ bl-irkant li kienet issir ġewwa l-pixkerija l-antika tal-Belt Valletta għall-istruttura iktar moderna fil-Marsa u li jkun hemm titjib fil-livelli ta' ndafa u ta' sigurtà. L-istokk tal-ħut jista' jittieħed fil-pixkerija f'kull ħin tal-ġurnata u jiġi mibjugħ bis-sistema tal-irkant kull filgħodu. Il-pixkerija l-ġdida hija mgħammra b'monorail ta' teknoloġija avvanzata li tintuża għall-ġarr ta' ħut kbir u tgħaddi dritt minn ġol-pixkerija u sservi tliet spazji ta' tagħbija u tliet spazji ta' ħatt. Is-sala prinċipali hija mgħammra b'tagħmir tal-azzar inossidabbli li jipprovdi aktar indafa u l-post tas-suq ta' kull pitkal huwa mgħammar b'chiller fejn it-temperatura tkun tista' tiġi kkontrollata.

### Titlu tal-Proġett:
### EFF313 - Titjib tal-Konsum tal-Ħut permezz tal-Edukazzjoni/Kuxjenza u Diversifikazzjoni

**Implimentazzjoni tal-Proġett:**
6 ta' Marzu 2013 - 30 ta' Novembru 2016.
Żburżar **tal-Proġett (Total tal-kontribuzzjoni pubblika):**
€477,855.94 (VAT mhux inkluża) b'rata ta' kofinanzjament ta' 75% Fondi mill-Unjoni Ewropea u 25% Fondi Nazzjonali.

**Skop tal-Proġett:**
Il-proġett kien immirat sabiex jgħin fiż-żieda ta' sforzi li jikkontribwixxu għal sajd sostenibbli, diversifikazzjoni tat-tipi ta' ħut u ta' prodotti tal-ħut li jinbiegħ fis-suq lokali u biex ikun hemm żieda fil-kompetittività tas-settur. Bl-użu ta' pubbliċità, reklamar u ta' strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni, il-proġett ħoloq kuxjenza fost il-pubbliku ġenerali rigward il-benefiċċji nutrittivi li takkwista meta tiekol ħut frisk u kif wieħed jista' jżid il-konsum ta' ħut u speċi ta' ħut imrobbi fl-akkwakultura. Lejn l-aħħar tal-kampanja promozzjonali, ġie mwettaq studju ta' riċerka fost il-popolazzjoni lokali. Dan l-istudju ffoka fuq jekk seħħitx xi bidla fil-mudelli ta' konsum tal-ħut wara l-implimentazzjoni tal-proġett.

## Titlu tal-Proġett: EFF315 - Titjib fil-Portijiet Awtorizzati fejn Jinħatt il-Ħut - Marsa, San Pawl il-Baħar u Marsaskala.



Ritratt meħud waqt il-fiera tal-ħut f'San Ġiljan.

**Implimentazzjoni tal-Proġett:** 20 ta' Diċembru 2013 - 30 ta' Novembru 2016.
Żburżar **tal-Proġett (Total tal-kontribuzzjoni pubblika):** €870,067.57 (VAT mhux inkluża) b'rata ta' kofinanzjament ta' 75% Fondi mill-Unjoni Ewropea u 25% Fondi Nazzjonali.

**Skop tal-Proġett:**
L-iskop prinċipali tal-proġett kien li tiġi żviluppata l-infrastruttura tas-sajd neċessarja biex tiffaċilita l-proċess tal-ħatt u attivitajiet



Is-sit il-ġdid ta' fejn jinħatt il-ħut ġewwa l-Marsa.



L-iskal li ġie msewwi f'Marsaskala.



L-iskal li ġie msewwi fix-Xemxija.

ta' kontroll li jseħħu fil-portijiet tal-Marsa, San Pawl il-Baħar u Marsaskala. Il-proġett ġie implimentat mal-linji gwida ta' Prijorità **3** tal-Programm Operattiv *Fond Ewropew tas-Sajd 2007-2013* u permezz tal-investimenti li saru fl-infrastruttura tal-portjiet ġie rreġistrat titjib fis-servizzi li qed jiġu provduti lis-sajjieda u ntlaħqu wħud mill-għanijiet imsemmija fil-Politika Komuni tas-Sajd tal-Unjoni Ewropea. Uħud mix-xogħlijiet marbutin ma' dan il-proġett huma tiswijiet ta' skalien f'Marsaskala u x-Xemxija u l-iżvilupp ta' żewġ siti fejn jinħatt il-ħut ġewwa l-Marsa u l-Veċċja f'San Pawl il-Baħar.

## Titlu tal-Proġett: EFF316 - Żvilupp ta' Infrastruttura fil-Port Awtorizzat fejn Jinħatt il-Ħut - Marsaxlokk.

**Implimentazzjoni tal-Proġett:** 20 ta' Diċembru 2013 - 30 ta' Novembru 2016.
Żburżar **tal-Proġett (Total tal-kontribuzzjoni pubblika):** €371,040.73 (VAT mhux inkluża) b'rata ta' kofinanzjament ta' 75% Fondi mill-Unjoni Ewropea u 25% Fondi Nazzjonali.

**Skop tal-Proġett:**
Il-proġett ġie implimentat mal-linji gwida ta' Prijorità **3** tal-Programm Operattiv *Fond Ewropew tas-Sajd 2007-2013* u permezz ta' dan l-iżvilupp fl-infrastruttura tal-port sar titjib fis-servizzi, speċjalment fil-ħatt tal-ħut u fil-faċilitajiet tal-ħażna ġewwa l-aktar port traffikuż ta' Malta. L-implimentazzjoni ta' dan il-proġett iffaċilitat il-ħatt tal-ħut f'Marsaxlokk u b'hekk il-proċess ta' ħatt sar aktar effiċjenti u jieħu anqas ħin biex jitwettaq, filwaqt li ttejbu wkoll l-attivitajiet ta' kontroll tas-sajd. Barra minn hekk, l-infrastuttura ta' fejn isir il-ħatt waslet sabiex ikun hemm titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-uffiċjali tal-kontroll tas-sajd u tas-sajjieda li issa qed jiġu pprovduti bi spazju mdaqqas fejn jista' jsir il-ħatt tal-qabda b'mod ordnat u bla periklu.



Il-moll il-ġdid ġewwa Marsaxlokk

# Purifikazzjoni tal-Varjetajiet ta' Basal ta' Malta

**Marilyn Theuma**
Uffiċjal Agrikolu
**Mario Micallef**
Uffiċjal Agrikolu Anzjan, fi ħdan id-Direttorat għall-kompetizzjoni u d-Diversifikazzjoni

**Il-basal, magħruf bħala Allium cepa, huwa wieħed mill-aktar uċuħ komuni li jitkabbar f'Malta minħabba l-użu tiegħu fit-tisjir u l-fatt li ma jirrikjedix spejjeż kbar biex jiġi kkultivat. Għandna tliet varjetajiet, bid-differenzi tagħhom jidhru biċ-ċar fil-kulur tal-qoxra, u dawn huma l-abjad, l-isfar u l-aħmar**

Bħalissa ġewwa l-Għammieri għaddejjin bi proċess ta' purifikazzjoni tal-varjetajiet ta' basal ta' Malta. Bħalma jistà jiġi nnutat meta jinqala' l-basal, l-għamla tiegħu tistà tvarja xi ftit jew wisq minn basla għal oħra. Għalhekk, meta niġu biex nippurifikaw il-varjetà nkunu rridu nagħmlu distinzjoni bejn id-daqs, l-għamla u l-kulur, fost oħrajn, biex b'hekk il-karatteristiċi tal-basal magħżul ikun kollu uniformi.

Il-proċess jibda billi jintgħażel numru sostanzjali ta' basal li jkun uniformi fid-daqs, fl-għamla u fil-kulur. Dan il-basal jitgħaddas f'Jannar għall-produzzjoni taż-żerriegħa, u jitkompla l-proċess normali tal-kultivazzjoni tal-basal sakemm tinġabar iż-żerriegħa. Din iż-żerriegħa tinżera' għall-ħabta ta' Settembru biex nieħdu x-xitel minnha. Dan ix-xitel jitħawwel aktar tard f'Diċembru biex jerġa' jkollna produzzjoni ta' basal. Hekk kif il-basal jibda jeħxien, jiġi spezzjonat, u dak il-basal li jkun qiegħed fi stadju li jbannad jiġi eliminat. Għall-ħabta ta' Ġunju, il-basal jinqala' u jintgħażel biss dak il-basal b'karatteristiċi uniformi, filwaqt li l-basal l-ieħor jiġi eliminat mill-kollezzjoni.

Il-basal magħżul jiġi maħżun biex jerġa' jitgħaddas l-istaġun ta' wara u jerġa' jibda l-proċess mill-ġdid. Dan il-proċess japplika għat-tliet varjetajiet u jiġi repetut fuq medda ta' snin, sakemm il-purità tal-varjetajiet tiġi miksuba.









# Tista' tagħżel kors biex jippreparak għall-Karriera fl-Immaniġġjar tal-Ħut

**Malcom Borg**
Direttur miċ-Ċentru
tal-Agrikoltura, Akkwatika,
u Xjenzi tal-Annimali

Is-setturi tal-akkwakultura u s-sajd jikkontribwixxu mhux biss għall-ekonomija Maltija iżda wkoll għall-ħut frisk fis-swieq, fil-ħwienet u fuq l-imwejjed tal-familji Maltin. Però wara dik il-ħuta hemm xjenza li ftit wieħed japprezza apparti x-xogħol u d-dedikazzjoni ta' għadd sostanzjali ta' sajjieda, intraprendituri, għaddasa, managers, xjentisti u ħafna nies oħra. Naprezzaw ilkoll li mingħajr dawn in-nies, il-ħut - wieħed mill-ikel daqstant essenzjali għall-kċina Maltija u għad-dieta Mediterranja - ma nkunux nistgħu nikluh u ngawduh.



Huwa minnu li llum il-ġurnata tista' tistudja għall-karriera f'dawn l-oqsma? Iva, l-MCAST joffri korsijiet fl-immaniġġjar tal-ħut u gradwati f'dawn il-korsijiet jibdew jaħdmu f'intrapriżi u Dipartimenti relatati mal-oqsma tal-akkwakultura u s-sajd.

Il-korsijiet huma varji u ta' livelli differenti u wieħed jista' jidħol f'dawn il-korsijiet skont il-kwalifiċi li jkollu hekk kif preżentat fit-tabella t'hawn taħt:

| Kwalifiċi | Livell tal-Kors li Student jista' japplika għalih |
|---|---|
| Mingħajr kwalifiċi | Livelli 1 jew 2 |
| 2 O Levels | Livell 3 |
| 4 O Levels | Livell 4 |
| 2 A Levels u 2 Intermediate Levels | Livell 6 |

Nistħajjel wieħed jistaqsi "imma allura x'jiġi mgħallem f'korsijiet bħal dawn?" Komuni hija l-idea li dawn l-istudenti jitgħallmu jistadu imma r-realtà hija ferm 'il bogħod minn hekk. Is-settur jirrikjedi li l-istudenti jkunu mħarrġa u mgħallma fi xjenzi relatati man-nutrizzjoni u l-mard tal-ħut, fid-disinn u l-inġinerija ta' hatcheries u fish farms, fil-immaniġġjar u l-governanza tas-sajd, fl-ipproċessar u l-bejgħ ta' ħut u prodotti relatati u ħafna iżjed. Dan sabiex il-gradwati jkunu kompetenti biżżejjed jidħlu fid-dinja tax-xogħol mingħajr ebda problemi u min iħaddem ikun jista' jistrieħ fuq l-għarfien u l-esperjenza li dawn il-gradwati jkunu ħadu matul il-korsijiet tagħhom.

Fil-livelli numru 3 u 4, l-istudenti jiġu introdotti għad-dinja u x-xjenzi tal-akkwarja u dan sabiex l-istudenti jinfetħulhom il-bibien anke f'dan is-settur u biex il-kunċetti li jiġu mgħallma għaċ-ċokon ta' akkwarjum ikunu jistgħu jiġu esplorati fuq skala akbar fis-settur tal-akkwakultura.

Permezz ta' taħriġ prattiku, esperjenzi fuq diversi postijiet tax-xogħol u żjajjar f'diversi azjendi relatati mas-settur tal-immaniġġjar tal-ħut, l-istudenti jiġu wiċċ imb wiċċ ma' dak li jkunu se jiltaqgħu miegħu fid-dinja tax-xogħol meta huma jiggradwaw. Il-koperazzjoni bejn il-kulleġġ u l-industrija hija kontinwa u dan sabiex jiġi assigurat li l-kompetenzi

li l-ħaddiema għandhom ikollhom biex jidħlu u jaħdmu f'dan is-settur jiġu milħuqa kontinwament.





Bħala parti mill-kors, l-istudenti jiġu ggwidati sabiex jinvestigaw xi suġġett relatat mal-oqsma li jkunu qegħdin jistudjaw. Din ir-riċerka toffri l-opportunità lil dawn l-istudenti jidħlu fid-dettall sabiex jifhmu u jesploraw xi aspett partikolari u ta' interess fl-oqsma tal-ħut li semmejna hawn fuq. Studenti fil-passat irriċerkaw aspetti varji fiċ-ċiklu ta' speċi differenti fl-akkwakultura, investigaw il-perċezzjonijiet tal-konsumaturi fuq prodotti tal-ħut, analizzaw l-opinjonijiet ta' sajjieda fuq kwistjonijiet differenti u esploraw kif ħut li huwa fil-periklu ta' estinzjoni jista' jiġi mrobbi f'akkwarja u tankijiet fost suġġetti oħra.



Tajjeb li karrieri bħal dawn jiġu meqjusa sew meta wieħed jiġi biex jagħżel it-triq li jrid jaqbad għall-futur tiegħu jew tagħha.





SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI